MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 901/2008

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur:- Avukat Dott. Katja Psaila Savona, LL.M (Lond.) LL.D.**

Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Marzu, 2013

Kawza numru: 7
Avviz numru: 901/08 KPS

**Anthony Grech (K.I. 1059748M) u Madeline Grech (K.I. 414800L) Vs MIDI p.l.c. (C-15836) u skont il-verbal ta' nhar it-30 ta' Jannar 2009, giet kjamata in kawza s-Socjeta` Blues Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta'' konvenuta ghandha tigi kkundanata thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn mija u erbgha u sebghin ewro u tnejn u sebghin centezmi (€2,174.72) rapprezentanti d-danni sofferti kawza ta' l-incident li sehh lill-attrici nhar is-17 ta' Jannar 2007 meta hija waqghet f'Clock Tower Block, Tigne' Point, Sliema liema incident sehh minhabba xogholijiet li kienu qed isiru mis-socjeta'' konvenuta u ghal liema incident s-socjeta'' konvenuta hija tenuta responsabbli; l-ammont mitlub jikkonsisti in kwantu ghal seba' mija u sebgha u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€777.10) bhala *damnun emergens* u in kwantu ghal elf u tlett mija u sebgha u disghin ewro u tnejn u sittin centezmi (€1,397.62) bhala *lucrum cessans*; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 12 ta' Mejju 2008 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li fiha eccippew illi l-kumpanija konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza ta' dan il-gudizzju stante li x-xogholijiet in kwistjoni ma sarux minnha kif indikat fl-avviz, izda mill-kumpanija Blues Limited (C-27393), u ghalhekk it-talbiet kif dedotti fl-avviz huma nsostenibbli fil-konfront tal-istess kumpannija. Illi ghal din ir-raguni l-kumpanija konvenuta sejra titlob il-kjamata in kawza tal-istess kumpanija Blues Limited; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attrici nnifisha; illi inoltre l-attrici trid tipprova li soffriet id-danni kif kwantifikati minnha fl-

avviz; salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-kumpanija konvenuta skont il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza Blues Limited fejn eccippew illi in linea preliminari l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta'' esponenti hija preskritta u dan a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li s-socjeta'' esponenti mhijiex responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-17 ta' Jannar 2007 u ghad-danni allegatament subiti mill-attrici; illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi mill-atturi huma fi kwalunkwe kazi eccessivi; salv eccezzjoni ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra x-xhieda tal-atturi;

Ra x-xhieda tal-Maggur Pulizija Anthony Gerada prodott mill-atturi;

Ra x-xhieda ta' Josef Cassar (Security Manager) ta' Midi plc., Dr. Darren Azzopardi, Zoran Kramovic u Marian Nachovsky, ex-impjegati ta' Blues Limited prodotti mis-socjeta' konvenuta;

Ra x- xhieda ta' Joseph Fenech Soler Direttur tas-socjeta' Blues Limited prodott mis-Socjeta' kjamata in kawza;

Ra d-dokumenti kollha u l-atti;

Ra n-noti ta'sottomisjonijet prezentati mill-partijiet;

Ra l-ahhar verbal tal- 10 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Konsiderazzjoni:**

It-Tribunal gie mitlub jilqa' talba ghad-danni kontra Midi plc minhabba incident li sehh fuq is-sit ta' Midi Plc nhar is-17 ta'Jannar 2007 meta l-attrici Madeleine Grech waqghet fl-entratura li kien jaghti ghar-residenza taghha u soffriet

griehi f'wiccha. Permezz ta' talba maghmula *seduta stante* waqt is-seduta ta' nhar it-30 ta' Jannar, 2009, is-socjeta' Midi plc talbet li tigi kjamata 'n kawza s-socjeta' Blues Limited. U b'digriet moghti *seduta stante* dakinhar stess, waqt is-seduta ta' nhar it-30 ta' Jannar, 2009, dan it-Tribunal laqa' it-talba (vide verbal tat-30 ta' Jannar, 2009 a fol 8 tal-process).

**1. Preskrizzjoni**

In linea preliminari is-socjeta' Blues Limited issolevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, kapitlu 16, li tghid illi talba ghad-danni hija preskritta bid-dekors ta' sentejnn. Dan hu ghaliex fil-kaz taghha hi giet notifikata bhala kjamat in kawza fit-30 ta' Jannar 2009 meta l-incident sehh fis-17 ta' Jannar 2007. Ghalhekk peress illi ma tressaqx ebda prova mill-atturi biex juru illi kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni l-avviz promotorju vis-a-vis Blues Limited, skont Blues Limited ghandu jitqies bhala l-ewwel att gudizzjarju u ghalhekk hija preskritta.

Illi pero, il-kjamat in kawza Blues Limited ssoleva eccezzjoni ohra illi *"id-danni pretizi mill-atturi huma fi kwalunkwe kazi eccessivi".* Skont il-gurisprudenza nostrana l-eccezzjonijiet mqanqla mill-konvenut mhuwiex kompatibli ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex meta wiehed jikkontesta l-ammont jkun qieghed jirrinunzja tacitament ghal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni [ara l-kaz numru 886/1995 fl-ismijiet *Lawrence Cuschieri v Onor Ministru tal-Ambjent et.* - Appell Civili Superjuri deciz fil-25 ta' Frar 2005]. Ghalhekk l-eccezzjoni tal- preskrizzjoni *vis-a-vis* Blues Limited qieghda tigi michuda.

**2. Il-fatti**

Mill-provi jirrizulta s-segwenti li l-atturi jirrisjedu fil-fond 12, Clock Tower Block, Tigne li jifforma parti mill-izvilup msejjah Midi. L-atturi kienu joqghodu f'wiehed mill-ewwel blokkok kompluti u ghalhekk peress illi kien ghad qed issir kostruzzjoni, l-entratura ghal dan il-blokk kien tip ta' kurridur fuq barra hdejn it-triq li kien ghal-uzu kommuni ghar-residenti tal-izvilupp. Din skont l-attrici Madeleine

Grech kienet l-unika entratura ghar-residneza taghha u biex tidhol ghaliha kien hemm targa gholja hdax-il pulizier.

L-incident sehh nhar is-17 ta' Jannar 2007. Illi dakinhar meta dahhlet lura mix-xoghol kien sar certu xoghol fuq it-targa ossia kienu poggew injama u ksweha bic-siment. Ghalhekk it-targa gholiet. L-attrici tghid *jiena dan l-ispeci ta' shutter mhux biss ma kontx naf li sar izda ma rajtux u nenfassizza li ma kien hemm ebda sinjal li jindika li kienu saru xi xoghlijiet fit-targa in kwistjoni.* Ghahekk instabtet mal-art ghall-wiccha. Malli waqghet gew jghinuha nies ta' nazzjonalita' barranija u ftit wara wasal fuq il-post Joe Fenech Soler, direttur ta' Blues Limited u Mark Walker, li kien Senior Project Manager impjegat ta' Midi plc. Minhabba il-griehi li garrbet l-attrici, ma setghatx tmur ix-xoghol u regghat dahlet ghax-xoghol fil-5 ta' Frar 2007. Pero' baqghet bil-problemi w ugieh ghall-sena wara u ghalhekk qieghda titlob id-danni.

L-attur, Anthony Grech, iddikjara: *meta wasalt fuq il-post sibt is-shutter tal-injam kien msammar tul it-targa kollha ta' madwar zewg metri wiesa'. Dan is-shutter kien jesporgi 'l fuq mit-targa u minhabba li l-injam kien l-istess kulur tas-siment kien perikuluz minhabba apparti li it-targa kienet gholija aktar minn normal wiehed ried jaghmel sforz biex jaqbez is-shutter sporgut 'l fuq mit-targa.* Huwa ikkorrobora dak li gie ddikjarat mill-mara tieghu illi ma kienx hemm sinjali jew avvertenzi li kienu qed isiru xogholijiet.

Il-Pulizija Maggur Anthony Gerada kkonferma ukoll li huwa ivverifika dak li kienu rapportaw l-atturi kemm fir-rigward tal-griehi tal-attrici kif ukoll it-targa u cjoe li kien hemm tavla li kienet mqabza 'l fuq xi zewg pulzieri mill-livell tas-siment. Hu qal li ma kienx hemm senjalazzjonijiet.[1]

Josef Cassar, prodott mis-socjeta' konvenuta, ddikjara illi x-xoghol fil-Midi kien ghadu f'nofs stadju ta' bini. Ikkonferma illi l-haddiema li kienu qeghdin jaghmlu dan ix-

[1] Ara rapport a fol 54

xoghol kienu imjegati ma' Blues Limited u li huwa rahom jahdmu dakinhar[2]. Hu stqarr li qabel, il-bankina kienet f'stadju aghar minn dakinhar li sehh l-incident. Esebixxa tlett ritratti (ara Dok JC 1, a fol 63 tal-process) wiehed minnhom juri avviz fil-post a li jghid: *warning building sites are dangerous keep out.* In kontro-ezami huwa kkonferma illi fuq is-sit kien hemm ufficini tal-Midi plc illi pero' dan ma kienx l-uniku access u li huma kienu juzaw l-access iehor. Is-shutter damet fuq il-post ghall-tlett ijiem u hadd iehor ma kien weggha.

In kontro-ezami l-attrici ikkontestat il-verzjoni ta' Josef Cassar ghaliex l-access l-iehor kien ghall-vetturi u li kien hemm lift imma ma kellhomx access ghalih ghaliex kien b'cavetta u ghalhekk l-access taghhom kien fejn sar l-incident. Fil-kaz tas-sinjal indikat mix-xhieda tas-socejta' konvenuta l-attrci ikkontestat illi kien hemm anke dan is-sinjal dakinhar. Anke li kieku hi xorta kellha kull dritt tidhol fír-residenza taghha. Fil-kaz tal-fatt li t-targa kienet mkissra, l-attrici ammettiet illi kienet mxelfa (*uneven*). Illi pero ma kienx hemm bzonn li toqod attenta.

Zoran Krankovic (ex-impjegat ta' Blues Limited) ikkonferma li kienu qeghdin jaghmlu xoghol fl-inhawi u li kollegi tieghu ghamlu x-xoghol fuq it-targa. Huwa indika illi l-attrici kienet mghobbija b'xirja u li kienet qieghda thares lejhom u f'daqqa wahda waqghet.

Marian Nachovsky (ex-impjegat ta' Blues Limited) ikkonferma illi hu ra l-incident isehh, illi l-konveuta kienet gejja bil-basktijiet u kienet qieghda thares lejhom u f'daqqa wahda waqghet. Ikkonferma illi l-avviz fir-ritratt immarkat "JC1" kien hemm. Illi ma kienx hemm sinjali ohrajn. Hu kkonferma illi kien hemm rapprezentanti ta' Midi li kienu qeghdin jaghmlu sorvelljanza tax-xoghol taghhom.

Joseph Fenech Soler informa it- Tribunal illi kien hemm *Health and Saftey Officer* mhallas minn Midi biex jiehu hsieb affarijiet bhal dawn. Il-post kien fi stat ta'

[2] Ara ukoll dok JC2 a fol 64 u DA1 a fol 77

kostruzzjoni u ghalhekk kien hemm sinjali. Hu ddikjara illi l-haddiema tieghu kienu qeghdin hdejn it-targa u ghalhekk kien ovvju li kienu qeghdin issiru x-xoghlijiet. Hu ddikjara illi bhala rapprezentant tas-socjeta' Blues Limited ikkontesta t-talba ghaliex l-attrici kienet mghobbija bil-basktijiet u kien infurmat li kienet qieghda thares lejn il-haddiema meta waqghet.

**3. Responsabilta'**

Illi mhemmx kontestazzjoni li x-xoghol kien qed issir mill-impjegati tal-kjamat in kawza Blues Limited. Pero' hemm nuqqas ta' qbil bejn il-konvenuti dwar xi tip ta' inkarigu kellha s-socjeta' Blues Limited ghaliex skont il-kjamat in kawza hi kienet biss *sub-contractor* filwaqt li skont Midi Plc kienet il-kuntrattur. Min-naha taghha is-socjeta' konvenuta Midi plc tghid li hi kienet qieghda tagixxi bhala sid il-post u li hi inkarigat lil Blues Limited bhala kuntrattur biex taghmel ix-xoghlijiet. Ghalhekk fil-fehma ta' Midi Plc hi ghandha tkun responabbli biss ghall-*culpa in eligendo* biss u "*ghalhek ghandu jirrispondi ghall-eghmil tieghu biss jekk qabbad lil xi hadd mhux ta' hila jew li ma jkollox ragun jahseb li hi ta hila*"[3]

Jirrizulta car mill-provi illi s-socjeta' konvenuta Midi kienet li hadet id-decizjoni li kellu jsir xoghol fuq it-targa u hi kienet inkarigat lil Blues Limited. Jirrizulta ukoll ghalkemm ma giex ipprezntat il-ftehim ta' bejniethom Midi kellha persuni inkargati biex jissorvelljaw ix-xogholijiet li kienu qeghdin issiru, ossia Josef Cassar. Illi di piu hareg mix-xhieda ta' Joseph Fenech Soler, direttur ta' Blues Limited, li skont l-arrangament li kellhom, il-konvenut u l-kjamat in kawza *lanqas kellna dritt li ikollna safety officer taghna. Midi kienet taf ix-xoghol li ha jsir kienet konxja u kienet qabditna hi biex naghmlu x-xoghol* .

It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi ta' Midi illi s-socjeta' Blues Limited kienet kuntrattur u ghalhekk ghandha tkun responsabbli ghal kuntrarju taghmel riferenza ghal-kawza citatata mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom,

[3] Maltacom plc v Excavation plus Limited Qorti tal-Appel (2/10/2002)

fl-ismijiet *Michael Balzan v Lawrence Ciantar noe et*[4] fejn il-Qorti icitat l-awtur Ingliz Charlesworth "fuq Negligenza" li kien jikkwota mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Lord Justice A. L. Smith li qal:
*When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor.*

Il-Qorti fl-istess kawza iddikjarat:

*Il-gurisprudenza recenti qed taghmilha cara li ebda sid kemm jekk privat kif ukoll Gvern ma jista' jehles mir-responsabilita` billi jghid li hu qabbad in-nies biex jaraw li jigi evitat incident. Kull sid irid johloq sistema adegwata ta' kontroll biex tassigura li l-mizuri li jittiehdu kontra perikolu ta' hsara jkunu effetwati*.

Illi ghalkemm il-fatti mhumiex l-istess bhal fil-kawza odjerna xorta wahda l-fatti kif gew prezentati kienu joholqu l-obbligu fuq Midi (bhala sid w ukoll bhala kuntrattur) li jaghmel is-senjalazzjoni dovuti biex terzi jkunu avzati li saru ix-xoghlijiet specjalment meta kif gara fil-kawza odjerna tohrog cara li l-kwistjoni tas-sahha u sigurta' baqa' f'ídejn Midi plc. Di piu fis-sitwazzjoni de quo t-terzi kienu jafu bis-socjeta' Midi plc u cjoe li kienet sid il-post u filfatt ghalhekk saret kawza kontriha.

Illi pero' min-naha l-ohra huwa fatt car u mhux ikkonttestat illi Blues Limited kienu qeghdin jadmu fis-sit u li ghalkemm inkarigati minn Midi, t-Tribunal ihoss (u dan kif refless f'gurisprudenza kopjuza) illi l-kuntrattur ghandu dejjem jibqa' responsabbli ghax-xoghol li jaghmel hu. Illi t-tribunal ihoss li m'ghandux ghalfejn jidhol fil-kwisjoni jekk kienx il-kuntrattur jew sub-kuntrattur – hu kien mqabbad biex jaghmel xoghol li fih huwa espert u ghalhekk kellu r-

[4] Prima Awla 66/1991 (6/12/2002) li gie ikkonfermat fl-appell (17/02/2006)

responsabilta' li jaghmel xoghlu sew u dan jinkludi jiehu il-prekawzjonijiet kollha necesssarji. Kif tghid il-gurisprudenza nostrana:
*l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera comessagli second dettami dell'arte sua e deve prestare almeno un capacita ordinaria" (vol XXVII PI p373).* Ghalhekk *"huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi implicita tant li huwa tenut* anke *ghal-kolpa lievi. (Vol XLI PI p 667)*

F'dan il-kaz ghalhekk it-Tribunal ihoss, anke jekk is-socjeta' konvenuta kienet il-kuntrattur u kienet hi li kienet qed tiehu hsieb is-sahha u sigurta' fuq is-sit, li xorta wahda il-kjamat in kawza messu ha il-passi kollha mehtiega biex jassigura li l-post kien tajjeb biex jghaddu minnu terzi. Ghalhekk anke jekk ma kienx hemm struzzjonijiet mill-Midi u anke jekk terzi kienu qed jinsistu li jkollom access[5].

**4. L-incident**

Illi l-konveut u l-kjamat in kawza qeghdin issostnu li l-incident gara unikament tort tal-attrici u dan minhabba diversi fatti illi :

- kien hemm senjalazzjoni;
- is-sit kien fi stat ta' bini u kienet taf li t-targa kienet imxelfa;
- ma kienx hemm incident iehor bhal taghha;
- l-attrici ma zammitx attenzjoni ghaliex kienet qieghda thares lejn il-haddiema.
- kien hemm access iehor, imma xorta wahda hi nsistit li tuza dan.

Illi fir-rigward tas-senjalzzjoni, johrog car mix-xhieda illi kien hemm sinjal wiehed, ossia Dok JC1, li kien jindika li *warning building sites are dangerous keep out*. Jidher ukoll li dan ma kienx tqieghed hemm dakinhar ossia ghaliex kienu qeghdin issiru xoghlijiet fuq l-access u li pero' kien hemm tul il-perjodu tax-xoghlijiet fuq is-sit,

5 Ara wkoll s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet Go p.l.c. v. Richard Cachia deciza nhar it-12 ta' Jannar, 2011

ghaliex is-sit, kollu kemm hu, kien ghadu fi stat mhux komplut. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss gjaladarba kienu qeghdin jaghmlu xoghol f'post li terzi kienu qeghdin juzaw bhala access huma kellhom l-obbligu jaghlqu l-access jew almenu jaghmlu sinjali differenti biex jindikaw illi kien hemm xogholijiet fuq it-targa u forsi l-incident ma kienx jinqala'.

It-Tribunal ihoss illi l-fatt li s-sit kien ghadu fi stat ta' bini m'ghandux jimpingi fuq l-obbligazzjoni li tpoggi senjalazzjonijiet anke meta xoghol huwa kontinwu ghaliex xorta wahda jekk wiehed qed jaccetta li nies jghaddu minn passagg ghandhom jiehdu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega.

Fil-fehma tat-Tribunal lanqas ma hu rilevanti li kien hemm access iehor ghaliex f'dan il-kaz messhom insistew illi sakemm jitlestew ix-xoghlijiet partikolari li jaghlqu dan l-access. Illi l-fatt li zammew l-access miftuh u kienu konxji tal-fatt illi kienu jghaddu diversi nies minn hemm huma kellhom l-obbigu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha.

Illi min-naha taghha ukoll l-attrici Madeleine Grech kienet taf li dan is-sit kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni u ghalhekk hi kellha tkun aktar kawta, specjalment f'kaz fejn rat li in-nies kienu qeghdin jahdmu. Iz-zewg lavranti, illum ex-lavranti tas-socjeta' Blues Limited, iddikjaraw li l-attrici kienet qieghda thares lejhom. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghandu jaghti importanza ghal dan il-fattur ukoll u li ghalhekk kien hemm kontribuzzjoni ta' negligenza da parti tal-konvenuta.

It-Tribunal ihoss illi f'kwalunkwe kaz is-socejta' konvenuta kellha tkun responsabbli bizejjed illi tindika b'avviz li kienu saru xoghlijiet u li biex wiehed jkun attent.

**5. Id-danni**

Damnun emergens

Bhala damnum emergens l-atturi qeghdin jitolbu :

| | |
|---|---|
| Spejjes relatati ma' tobba : | € 333.10 |
| Spejjeż medicina | € 211.06 |
| Ritratti | € 11.65 |

| | |
|---|---|
| Nuccali | € 221.95 |
| Totali | € 777.10 |

==========================

It-Tribunal ra l-lista ta' spejjeż[6]. Il-griehi li soffriet ma gewx kontestati u ghalhekk l-ammont li jirigwarda tobba jaghmel sens *vis-a-vis* dak li gie deskrit u li huwa ta' tliet mija tlieta u tletin ewro u ghaxar centezmi (€333.10).

Illi fil-kaz tar-ritratti u l-ispejjeż ta' medicina li huma annessi mal-affidavit bhala spejjeż tal-medicina li l-attrici kellha bzonn. Illi dawn mhumiex specifikati u mhuwiex car in-ness bejn dawn u l-incident u lanqas mhemm specifikat dak li inxtara. Lanqas ma tressaq tabib jew specjalista li kkonferma li l-attrici kellha bzonn medikament kontinwu.

Gie rapportat li n-nuccali taghha kien tkisser u dan tnizzel fir-rapport tal-pulizija. Is-somma ndikata fir-rapport kien ta' sebghin liri Maltin (Lm70). Illi mbaghad l-attrici xtrat nuccali bil-valur ta' hamsa u disghin liri Maltin Lm95[7].

*Lucrum cessans*

Fir-rigward tal-lucrum cessans jidher li hemm diskrepanza bejn dak li huwa ddikjarat fl-affidavit u fl-avviz. F'dan il-kaz it-Tribunal sejjer joqghod fuq is-somma t' elf u tnejn u sittin ewro (€1,062) ddikjarat bil-gurament.

Bhala prova tad-disabilta', l-attrici ddikjarat li marret ghand specjalista Dr. Joseph Pace li kkonferma li soffriet 1% *permanent disfigurement*. Ghalhekk ikkalkolat is-segwenti: Basic salary per month €1,580.87x 12 x 7years x 1% x 80% = €1,062.32.

Gie pprezentat certifikat bil-firma ta' Dr. Joesph Pace kkonfermat minn Nutar Philip Lanfranco. Illi pero' ma tressaqx Dr Pace biex jikkonferma dan taht gurament. Ma gewx kontestati l-griehi li soffiret imma biss illi r-rapport tal-ispecjalista gie kontestat bhala wiehed inaccetabbli ghaliex ma kienx guramentat. Illi ma ntalabx l-isfilz tieghu

[6] Dokumenti MG4 et seq annessi mal-affidavit tal-attrici.
[7] Ara dok MG 16 .

u ghalhekk huwa accettabbli bhala prova. Fil-fehma tat-Tribunal certifikat ta’ espert mediku li huwa ffirmat u li l-firma giet konfermata minn Nutar huwa bizzejjed w accetabbli.

Illi pero’ t-Tribunal jaqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta’ konvenuta illi skont il-gurisprudenza nostrana ma jintuzax iz-zmien kollu li fadallu wiehed sakemm jilhaq il-pensjoni imma jintuza numru izghar skont kif gie ddikjarat f’*Michael Butler v Peter christopher Heard*[8].

**DECIDE**

Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqanqla mill-kjamat in kawza. Fir-rigward tat-talba fuq il-mertu w in vista tal-fatt li t-Tribunal ihoss illi kien hemm: (a) element ta’ traskuragni ukoll da parti tal-konvenuta; u li (b) parti mid-danni elenkati ma kienux cari, b’ekwita, *arbitrio u boni viri* t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba in parte u cioe zewg terzi (2/3) tas-somma mitluba fis-somma ta’ elf erba’ mija u disgha u erbghin ewro u tmenin centezmu (€1,449.80) kontra s-socjeta’ konvenuta w s-s-socjeta’ kjamata in kawza f’partijiet ugwali, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Appell Civili, deciz fit-22 ta’ Dicembru 1967. Ara ukoll *Raymond Fenech vs Kunsill Lokali ta’ Haz-Zebbug* deciza mill- Prim Awla fil 21 ta’ Ottubru 2004.